Qabelxejn nistqarr li wkoll fiż-żminijiet tallum l-artisti li jistħoqqilhom dana l-isem, ġo Malta u Għawdex, m'humiex neqsin. Hekk inħoss, hekk jidhirli u hekk infisser ruħi mill-ewwel, bla tlaqliq ta' xejn. Iżda jiena mhux fuq dawn irrid nitkellem. Dawn, anzi, isofru minħabba dawk l-oħrajn li m'humiex ħlief imitaturi, plaġjaturi, skoprituri u inventuri kif fissirt ftit qabel. Bil-kundanna tiegħi rrid nolqot 'il dawk li ma' l-ewwel ittra li jippubblikawlhom fil-ġurnal jimlew rashom u jsaħħnu moħhom; li malli, bi flushom (imsieken) joħorġu librett bi ftit versi jew tużżana ħrejjef, jistħajluhom saru awturi mill-aqwa u kemm kemm ma jitħajrux iwasslu l-kandidatura tagħhom fl-Isvezja għall-Premju Nobel. Tarġa' dawk il-versi, li l-awtur tagħhom isejħilhom "poeżija" bla ma jkun jaf il-poeżija fejn toqgħod, jew ikunu kopja skorretta ta' versi barranin, il-biċċa l-kbira Ingliżi jew Taljani, jew versi maħluqin, iva, minn żniedu, iżda li mhux dejjem ikunu jiswew tebqet fwiedu. (Ir-rima hawnhekk tixraq).

Il-poeżija jrid ikollha l-element tax-xbihat komplessi u s-sentiment li jagħtihom il-ħajja. Issa veru li *libris ex libris*, li l-ideat ifaqqsu, li ħaġa li qalha ħaddieħor qabel, inti tista' tgħidha wkoll; imma trid tgħidha aħjar minnu, mhux agħar. Biex tfissirha sewwa jew bħalu jew agħar minnu, tista' ma tgħidha xejn. Ħadd ma jkun qiegħed jistenna lilek.

X'jiġri? Jiġri li tista' tidħak b'wieħed tnejn għal ċertu żmien; tista', f'każi estremi, tballagħha mqar lil ġenerazzjoni sħiħa. Imma darba jew oħra tinqabad u jiġrilek bħal tal-lupu, li wkoll dak li jkun veru tiegħek, imqar jekk ta' valur ċkejken, jaħbuk li tkun sraqtu. Tarġa' lil-letteratura ma tkun tajtha l-ebda kontribut, la darba ma tkunx għaraft tkun int innifsek. Kemm nafu b'każi meta wieħed, bla ma jgħarraf xejn, ifittex li jgħaddi poeżija, novella, dramm bħala tiegħu meta fil-fatt dawn ikunu ikkupjati kelma b'kelma. X'jiena ngħid kelma b'kelma? Xi kelma nieqsa ssibha, għaliex mhux dejjem il-plaġjatur isib l-ekwivalenti Maltija. Niftiehmu tajjeb: m'iniex ngħid li wieħed iħaddem l-istess tema, li joħroġ dramm minn novella, le. Daka kollox sew. Għamlu Shakespeare qabel. Għamluh il-Petrarca, Pirandello, D'Annunzio, li mxew fuq il-mudelli tal-klassiċi Latini u ta' oħrajn. Id-dnub gravi hu meta tuża kollox, sal-kliem waħda wara l-oħra, kif kienu fil-forma originali. Hemm jaħti l-plaġjarista. Jiena nagħlaq għajnejja għad-dnubiet venjali, imma għad-dnub il-mejjet ma narax li hemm assoluzzjoni fl-Arti. Naħfer biss 'l min jieħu idea, spunt, frażi tnejn, xena, episodju, naturalment bit-tibdiliet meħtieġa, imma daqshekk.

(*Jissokta*)



# FANTASIJA U REALTA'

*Ta' SPIRO BUHAGIAR*

Niżlet bil-lajma l-lajma
Ix-xemx wara l-għoljiet
W il-ħajja kollha mheddla
Tkeffnet fid-dlamijiet.

U l-għana ġo l-għelieqi
Ma' l-għana ta' l-għasfur
Bil-mod il-mod mal-Ave
Inqata' minn ġol-bur.

L-għasafar mejta għajjiena,
Il-friefet imħeddlin,
Insatru ġewwa d-dalma
Jisimgħu mistagħġbin

Il-valzer li l-iwrieżaq
Moħbija ġot-tuffieħ;
Ta' Straus il-mużiċista
Li bdew hekk minnufih.

* * *

Il-bidwi għajjien mejjet
Fittex il-kenn tad-dar;
Ferħan ma' martu ftaħar
Kemm ħabrek dak in-nhar,

U wara li b'uliedu
Hieni deha xi ftit
Ma' martu ftakar f'Alla
Ħaili jibgħat il-ġid.

Hekk kif lil Alla talab
Il-fatra sab u kiel;
Wara li bell gerżumtu
Quddiemu ntefa' w miel,

Imbagħad, hieni, kif heles
Imħeddel mar jistrieħ;
Irtira kmieni w raqad
Biex l-għada jqum mas-sbieħ.

* * *

Il-belti wara xogħlu
Dritt fittex ix-xalar
Indafar, tbahrad, siker,
U għoxa fiċ-ċaċrar

Kontra kull min fi lsienu
Ġieh dak il-ħin irmih;
Lil Alla flok ma faħħru
Tbaqbaq għax qal li nsieh,

U wara li sas-siegħa
Tilef kull sitt ħabbiet
Lejn daru b'butu mqaxqax
Reġa' w għosfor is-skiet,

Kif daħal ġewwa daru
'Il-mara lemaħ b'xkiel
Lil ibnu mwerwer lemħu
F'għajnejh l-akbar ħalliel,

Fl-aħħar intefa' jorqod
Dal-ħali ta' missier;
Ma x'jorqod jorqod? Qalbu
Qaltlu ma kienx sinċier.